**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 2/2022 GG**

**Id-Direttur tal-Ufficcju ghall-Irkupru tal-Assi**

**vs**

**Darren Woods (Passaport Brittaniku Numru JH013706C)**

Kawza Nru: 1

Illum 31 ta' Jannar, 2025.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors tad-Direttur tal-Ufficcju ghall-Irkupru tal-Assi** pprezentat quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, fl-20 ta' Settembru, 2022 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi l-intimat Darren Woods tressaq quddiem il-Crown Court at Sheffield fir-Renju Unit mixli b'numru ta' akkuzi ta' frodi. Fl-20 ta' Ottubru, 2014, 1-intimat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u permezz ta' sentenza moghtija nhar is-16 ta' Jannar, 2015, 1-intimat gie kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija effettiva.

2. Illi per konsegwenza ta' din is-sentenza fis- 16 ta' Jannar, 2015 inharget ordni ta' konfiska fil-konfront tal-intimat ghall-ammont ta' miljun Lira Sterlina (£1,000,000). Din 1-ordni ta' konfiska giet emendata fit-2 ta' Gunju, 2015 peress li 1-intimat ma kienx hallas 1-ammont li gie kkundannat ihallas fl-intier tieghu. Madankollu, 1-intimat baqa' ma hallasx 1-ammont shih. Skont 1-ahhar informazzjoni provduta, 1-ammont li ghadu dovut minghand 1-intimat huwa ta' tliet mija u sitt elef, tliet mija u sittax-il Lira Sterlina u disa' centezmi (£306,316.09) (ara Ordni ta' Konfiska Barranija, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "AB1").

3. Illi permezz ta' ittra datata 25 ta' Ottubru, 2019, 1-awtoritajiet gudizzjarji tar-Renju Unit responsabbli ghall-infurzar ta' konfiski, cioè il-Proceeds of Crime Unit (CPS) fi hdan il-Crown Prosecution Service, innotifikaw lill-Ufficcju tal-Avukat Generali dwar din 1-Ordni ta' Konfiska Barranija u talbu li tigi ezegwita f'Malta. Din it-talba sussegwentement giet mibghuta lill-esponent.

4. Illi 1-intimat kien jassumi identitajiet foloz sabiex ikun jista' jevadi 1-garanziji imposti minn diversi siti tal-loghob tal-azzard online biex b'hekk ikun jista' jippartecipa f'loghob online, senjatament poker, b'diversi kontijiet fl-istess loghba u b'hekk jikseb vantagg illecitu fuq gugaturi ohra. Jirrizulta li 1-intimat holoq u opera erba' (4) kontijiet foloz:

a. Bl-identità ta' "Morteza Gharoon", 1-intimat opera kont ma' BML Group Limited (C34836) (lokalment maghrufa ahjar bhala Betsson Group) bil-username "pizzapizza4u";

b. Bl-identità ta' "Lloyds Stockley-Bond", l-intimat opera kont ma' BML Group Limited (C-34836) (lokarment maghrufa ahjar bhala Betsson Group) bil-username "spinmered32";

c. Bl-identità ta' "Behnam Karimijafari", l-intimat opera kont ma' BML Group Limited (C-34836) (lokalment maghrufa ahjar bhala Betsson Group) bil-username "karben123";

d. Bl-identità ta' "Behnam Karimijafari", l-intimat opera kont ma' IGame Malta Limited (C-44618) bil-username "zombie999argg",

5. Illi jirrizulta li kemm Betsson Group kif ukoll IGame Malta kienu hadu passi sabiex jiffrizaw il-flejjes mizmuma f'dawn il-kontijiet. Il-flejjes mizmuma huma:

a. Fl-ammont ta' mija tnejn u tlettin elf, tmien mija u tlett euro u sebgha u sittin Centezmi (€132,803.67) fil-kont bil-username "pizzapizza4u";

b. Fl-ammont ta' wiehed u sittin elf, mija u sbatax il-euro u tlieta u sittin Centezmi (€61,117.63) fil-kont bil-username "spinmered32";

c. Fl-ammont ta' tlett mija wiehed u sittin dollaru Amerikan u hamsa u tmenin Centezmi ($361.85) (ekwivalenti ghal tlett mija hamsa u hamsin Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€355.44)) fil-kont bil-username "karben 123"; u

d. Fl-ammont ta' elfejn erba' mija tmienja u erbghin euro u erbgha u sebghin centezmi (€2,448.74) fil-kont bil-username "zombie999argg".

6. Illi maghduda flimkien, dawn il-flejjes jammontaw ghas-somma ta' mija sitta u disghin elf, seba' mija hamsa u ghoxrin Ewro u trniena u erbghin centezmi (€196,725.48). Mill-ahhar informazzjoni li ghandu 1-esponent, dawn il-flejjez ghadhom mizmuma fil-kontijiet rispettivi taghhom.

7. Illi ai termini tal-Artikolu 56(7) tal-Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta, 1-infurzar ta' Ordni ta' Konfiska Barranija ghandu jkollha 1-effett li tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta kull haga u proprjetà li tkun tinsab f'Malta li l-konfiska taghha giet ordnata fl-Ordni ta' Konfiska Barranija. Ghal kull buon fini, ta' min jghid ukoll li 1-intimat kien qabel u accetta li dawn il-flejjes jigu kkonfiskati.

8. Illi r-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 56(6) huma kollha sodisfatti u ghalhekk ma hemm ebda raguni biex din l-Onorabbli Qorti ma tordnax 1-infurzar f' Malta tal-Ordni ta' Konfiska Barranija.

9. Illi ghal kull buon fini, jinghad li c-certifikat mahrug mill-Crown Court at Sheffield huwa konformi mal-Artikolu 4 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/GAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar 1-applikazzjoni tal-principju ta' rikonoxximent reciproku ghal ordnijiet ta' konfiska kif emendat mill-ArtikoIu 4 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2009/299/GAI.

*Ai termini* tal-Artikolu 40 tar-Regolament 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reciproku ta' ordnijiet ta' ffrizar u ordnijiet ta' konfiska, peress li c-certifikat in kwistjoni inhareg qabel id-19 ta' Diéembru 2020, dan ghandu jibqa' jigi regolat bid-Decizjonijiet Kwadru 2003/577/GA1 u 2006/783/GA1.

ln kwantu ghat-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, ai termini tal-Artikolu 62(1)(e) tal-Ftehim dwar il-hrug tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u 1-lrlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika, id-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/GAI ghadu applikabbli ladarba it-talba saret fil-perjodu qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranzizzjoni.

10. Illi kontestwalment ma dan ir-rikors, qieghed jigi prezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju u dan in linea mal-Artikolu 56(11) tal-Kap 621 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jizgura l-flejjes indikati mertu ta' din 1-Ordni ta' Konfiska Barranija.

11. Illi finalment, l-esponent qieghed kontestwalment jintavola wkoll rikors iehor li mieghu hemm anness kopja ta' dan ir-rikors redatt bil-lingwa Ingliza ai terrnini tal-Artikolu 3 et seq. tal-lKonvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiz ta' Dokumenti Gudizzjarji u Extragudizzjarji f'Affarijiet Civili jew Kummercjali kif ratifikata fil-Kapitolu 443 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex 1-intimat jihi notifikat b'dan ir-rikors kif stipulat taht 1-artikolu 56(4) tal-Kap 621 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, 1-esponent umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex previa kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:

l. Tiddikjara li l-Ordni ta' Konfiska Barranija mahruga mill-Crown Court at Sheffield tista' tigi inforzata gewwa Malta ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li tali Ordni ta' Konfiska Barranija tigi inforzata gewwa Malta;

3. Konsegwentement tordna li l-flejjes mizmuma fil-kontijiet indikati f'dan ir-rikors jigu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta;

Bl-Ispejjez

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors promutur;

Semghet il-provi;

Semghet lir-rikorrent;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija decizjoni dwar talba tad-Direttur tal-Ufficcju ghall-Irkupru tal-Assi maghmulha fit-termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 621 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tkun infurzata f'Malta Ordni ta' Konfiska Barranija fl-ammont ta' tlett mijja u sitt elef, tliet mija u sittax-il Lir Sterlina punt disa (£306,316.09)

2. Illi sabiex tkun infurzata Ordni ta' Konfiska Barranija jehtieg li jikkonkorru s-segwenti kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 56 tal-Kapitolu 621 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) It-talba ssir permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)

b) Ir-rikors ghandu jkun fih:

i. talba ghall-infurzar f'Malta tal-Ordni ta' Konfiska Barranija;

ii. Kopja tal-Ordni ta' Konfiska Barranija flimkien ma' traduzzjoni f'kaz li tkun f'ilsien iehor barra l-Malti jew l-Ingliz;

iii. Dokumenti b'appogg tat-talba

iv. Lista tax-xhieda kollha li jkun bihsiebu jressaq u jindika f'kull wiehed x'tip ta' prova bihsiebu jaghmel.

v. Ir-rikors ghandu jkun notifikat lill-persuna li l-proprjeta' taghha l-Ordni ta' Konfiska Barranija ghandha l-intenzjoni li tikkonfiska.

3. Fl-ezami tar-rikors, l-Qorti ghandha tkun marbuta bis-sejbiet tal-fatt sal-punt li jkunu dikjarati fl-ordni barranija. Ifisser dan illi l-Qorti hija marbuta bil-fatti kif emergenti mill-Ordni Barranija u ma ghandha ebda kompetenza biex tqis mill-gdid l-mertu li ta' lok ghall-dik l-Ordni izda *ex subartikolu* (6) ma ghandhiex tordna l-infurzar a) f'kaz li l-intimat ma kienx mgharraf bil-proceduri li wasslu ghat-tehid tal-Ordni ; b) jew li ma kellux l-opportunita xierqa biex jikkontesta t-tehid taghha, kif ukoll jekk dinnkisbet minn frodi minn kwalunkwe persuna bi pregudizzju tieghu; (c) jekk l-Ordni fiha xi disposizzjoni li tmur kontra l-politika piubblika jew xi ligi interna ta' Malta; d) jew fiha disposizzjonijet kontradditorji; (e) jew hija bazata fuq zball manifest tal-ligi jew ta' fatt;

4. Ezaminat ir-rikors promutur jemergi illi b'ittra tat-28 t'Ottubru, 2019 l-Ufficcju tal-Avukat Generali kien mitlub mill-Home Office tar-Renju Unit jiehu konjizzjoni tat-talba tal-Crown Prosecution Service

Proceeds of Crime Unit (CPS)[1] sabiex jikkonfiska proprejta' appartenenti lil Darren Woods ta' nazzjonalita' Brittanika, li twieled fid-9 ta' Frar, 1985 gewwa Grimsby, r-Renju Unit, u residenti 12, Stallingborough Road, Healing, Grimsby, South Humberside ND41 7QN.

5. Illi r-raguni ghat-talba ta' konfiska mill-awtoritajiet Maltin hija provenjenti minn sentenza ta' Qorti Ingliza u li pemrezz ta stqarrija tal-istess Darren Woods[2] jirrikonixxi illi fl-14 t'Ottubru, 2014 kien misjub hati mix-Sheffield Crown Court ta' diversi kapi ta' frodi u li kien sussegwentement kkundannat fis-16 ta' Jannar, 2015 b'ordni ta' konfiska in forza tal-Proceeds of Crime Act 2002 fl-ammont ta' miljum lira Sterlina (£1,000,000.00). Minn dan l-ammont, ghadha dovuta s-somma ta' tliet mija u sitt elef, tliet mija u sittax-il Lira Sterlina punt disa (£306,316.09)[3];

6. Illi jirrizulta illi l-intimat ghandu flus gewwa Malta mizuma mis-socjetajiet indikati fir-rikors promutur liema flus huma mizmuma taht ismijiet differenti minnu assunti anke jekk dawn flimkien ma jlahhqux jissodisfaw l-Ordni;

7. Illi l-intimat kien finalment notifikat bil-proceduri odjerni fis-27 ta' Marzu, 2023[4] u dan b'kopja tar-rikors promutur fl-ilsien Malti u dak Ingliz inkluz bid-dokumenti kollha esebiti ukoll mar-rikors in disamina inkluz allura l-kopji tas-sentenza, stqarrija, ordni ta' konfiska u dak kollu mehtieg sabiex l-intimat ikun infurmat bl-ordni ta' konfiska u t-talba tal-Awtorita' tar-Renju Unit li qed titlob l-assistenza tal-Awtoritajiet f'Malta ghall-konfiska tal-flus. Minkejja dan, l-intimat ma ressaq l-ebda risposta ghat-talbiet tad-Direttur;

---

[1] Ara Dokument AB1 fol 34 *et seq.*
[2] Fol 58 tal-atti
[3] Dok AB1 a fol 37
[44] Ara Certifikat mmarkat Dok SA 1 mahrug mill-awtorita' kompetenti fir-Renju Unit u trasmess lill-awtoritajiet f'Malta tramite l-Ufficcju tal-Avukat Generali u lil din il-Qorti pemrezz ta' nota tal-Avukat Generali fit-13 ta' Frar, 2024Ara Nota a fol 124 esebita fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2024

8. Illi mix-xiehda tar-rapprezentanti relattivi jemergi illi Darren Woods kellu tlett kontijiet mas-socjeta' Bettson Group u iehor mal-IGame Malta bil-*usernames* "pizza pizza 4u", "spinmered32", "karben" u "zombie 999argg" rispettivament. Dawk il-kontijiet kienet sekwestrati fuq talba tad-Direttur tal-Ufficcju tal-Irkupru u fl-ammont kif jokkorru fir-rikors promutur;

9. Illi ghalhekk huma sodisfatti r-rekwiziti kollha kif mehtieg mill-artikolu 56 tal-Kapitolu 621 tal-Ligijiet ta' Malta.;

10. Rat illi l-Ordni Barranija hija ezegwibbli f'Malta minkejja li saret mir-Renju Unit stante li saret qabel it-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropa[5];

**Ghal dawn ir-ragunijiet, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tad-Direttur tal-Ufficcju Ghall-Irkupru tal-Assi u konsegwentement :**

1. **Tiddikjara li l-Ordni ta' Konfiska Barranija mahruga mill-Crown Court at Sheffield tas-16 ta' Jannar 2016 enforzabbli gewwa Malta ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kap. 621 tal-Ligijiet ta' Malta;**
2. **Tordna li tali Ordni ta' Konfiska Barranija tkun inforzata gewwa Malta;**
3. **Tordna li l-flejjes mizmuma fil-kontijiet indikati f'dan ir-rikors ikunu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta;**
4. **L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat**

[5] Artikolu 40 tar-Regolament 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**